


# Is-Santi antiki u kif kienu jitqassmu

Mario Fenech

Minn żminijiet li joħduna lura sew fis-snin l-imgħoddija nafu li kien hemm diversi metodi li permezz tagħhom kienu jiġu mqassma Santi Reliġjużi lin-nies.




Inċiżjoni antika li fiha Sant'Andrija jidher fil-glorja tiegħu

Irid jingħad li dak iż-żmien il-mezzi tal-komunikazzjoni kienu ftit jew xejn. Il-poplu kien il-parti l-kbira minnu mingħajr tagħlim u ħafna drabi fil-Knejjes, il-Quddies u l-Funzjonijiet jkunu bil-Latin.

Għaldaqstant kull meta kienet tiġi ċċelebrata xi Festa Reliġjuża kienu jiġu mqassma numru ta' Santi bix-xbieha tal-Qaddis jew Qaddisa li tagħha kienet tkun qiegħda ssir il-Festa.

Dawn is-Santi fihom kien ikun hemm xi kopja ta' kwadru t'artist famuż, ta' xi Kwadru Titulari li kien ikun fil-Knisja fejn kienet tkun qiegħda ssir il-Festa, filwaqt li fuq in-naħa ta' wara tas-Santa kien ikun hemm talba li x'aktarx kienet tkun jew bil-Latin jew bit-Taljan.

Kienet bdiet tinfirex id-drawwa li jitqassmu santi wara li xi ħadd ikun qala' xi grazzja bl-interċessjoni tal-Qaddis jew Qaddisa.

Fil-bidu tas-Seklu Dsatax imbagħad daħlet fil-pajjiż użanza prattika li permezz tagħha l-poplu seta' jakkwisq numru ta' santi reliġjużi meta jmur jixtri prodotto tal-ikel. Kienu jinkludu santi żgħar fil-pakketti taċ-ċikkulata magħrufa bħala ċikwejra.



Santa bix-xbieha ta' Andrija tat-tip embossed




Santa oħra bix-xbieha ta'Sant'Andrija magħrufa bħala tal-pizzi




Santa magħrufa bħala taċ-ċikwejra bix-xbieha ta' Sant'Andrija

Għaldaqstant dawn kienu bdew jissejħu bħala "s-Santi taċ-Ċikwejra".

Illum dawn is-santi huma mfittxija sew mill-kollezzjonisti għaliex huma meqjusa bosta bħala "collector's items".

Kien ikun hemm f'dawn is-santi xbihat tal-qaddisin protetturi tal-ibliet u l-irħula b'xi talba qasira fuq in-naħa ta' wara tagħhom.

Kienet użanza komuni li fid-djar kien ikun hemm xi inkwadru ta' daqs kbir imdendel mal-ħajt. Uħud minn dawn is-santi kienu jiġu mdaħħla bejn l-injam tad-dawra u l-ħġieġa tal-inkwatru b'hekk kienu







Inċiżżjonijet antiki msejħa tal-bizzilla bix-xbieha ta' Sant'Andrija






Santi tal-bizzilla bix-xbieha ta' Sant'Andrija

jiżdiedu l-kuluri max-xemgħa li kienet tiġi mixgħula quddiem l-inkwatru.

Maż-żmien bdew jiġu mitbugħa santi mqabbża l-barra fuq karta xi ftit ħoxna. Dawn kienu jissejjħu "embossed". Santi oħrajn kienu dawk magħrufa bħala tal-bizzilla. Dawn illum huma rari ħafna għaliex wieħed jaħsibhom l-aktar f'xi kollezzjoni privata 'l bogħod mill-idejn minħabba l-fatt li dawn huma delikati ħafna.

Minbarra s-santi kienu jiġu mitbugħa numru ta' inċiżjonijiet ta' daqs differenti li llum ukoll huma mfittxija ħafna għaliex il-valut tagħhom huwa wieħed importanti. Dan narawh mill-fatt li meta jkun hemm xi waħda minn dawn l-inċiżżjonijiet f'xi rkant għalihom ikun wieħed kbir.

Użanza li daħlet sew f'Malta matul is-snin hija dik li meta ssir xi ċerimonja reliġjuża importanti tinħareġ santa bix-xbieha tal-istatwa jew il-kwadru li tiegħu tkun qiegħda ssir jew il-festa jew iċ-ċerimonja tal-inkurunazzjoni.

Bħal dawn is-santi hawn ħafna li jfakkruna f'kungressi ewkaristiċi, kungressi marjani, inkurunazzjonijiet ta' kwadri u statwi kif ukoll tal-anniversarji tal-istess avvenimenti.

Ma rridux ninsew kemm-il santa tqassmet biex tfakkar il-jum importanti tal-Ewwel Tqarbina, tal-Griżma tal-Isqof, ta' Jum it-Tieġ kif ukoll meta jiġi ordnat xi saċerdot ġdid. Santi oħrajn jiġu mqassma waqt il-funerali.

Is-santi fil-preżent ma tantx għadhom popolari, naqset sew l-importanza tagħhom. Fl-istess ħin żdied l-interess għalihom mill-kollezzjonijiet li bis-saħħa tagħhom dawn is-santi jibqgħu xhieda tal-użu tagħhom tant snin ilu.